**Parlament Ewropew**

2014-2019

7.9.2015 0045/2015

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-riċerka u l-prevenzjoni tal-endometrijosi

**Beatriz Becerra Basterrechea (ALDE), José Blanco López (S&D), Angelika Mlinar(ALDE), Sofia Ribeiro (PPE), Izaskun Bilbao Barandica(ALDE), Cecilia Wikström(ALDE), Catherine Bearder(ALDE), Ángela Vallina (GUE/NGL), Jana Žitňanská (ECR), Eleonora Evi (EFDD), Eider Gardiazabal Rubial (S&D), Soledad Cabezón Ruiz (S&D)**

Data ta' skadenza: 7.12.2015

**0045/2015**

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar ir-riċerka u l-prevenzjoni tal-endometrijosi[1]**

1. L-endomitrijosi hija marda inkapaċitanti kronika u mingħajr kura li tolqot aktar minn 15-il miljun tfajla u nisa fl-UE, li jkollhom l-uġigħ bħala wieħed mis-sintomi prinċipali tagħha.

2. Il-kawżi tagħha għadhom mhux magħrufa u ma hemmx trattatment speċifiku għaliha.

3. Bħala medja tieħu 9 snin biex tiġi djanjostikata, li twassal għal tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja.

4. Il-Kummissjoni għalhekk hija mitluba tikkoopera mal-Istati Membri sabiex twettaq u tappoġġa l-ġbir ta' informazzjoni u l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-pubbliku ġenerali, il-kura tas-saħħa u l-professjonisti legali, fil-livell nazzjonali u Ewropew.

5. Il-Kummissjoni mitluba wkoll tikkunsidra li żżid il-mezzi finanzjarji biex tkattar ir-riċerka ħalli jinstabu l-kważi u t-trattamenti possibbli tal-endomitrijosi, kif ukoll it-tfassil ta' linji gwida kliniċi u l-ħolqien ta' ċentri ta' referenza.

6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.